Għalhekk il-lum bdiet tinħtieġ daqsxejn ta' tgħarbila biex wieħed jagħżel dak li hu tajjeb letterarjament minn dak li hu ħażin, jew kajman. Din it-tgħarbila tagħmilha "Il-Kritka;" u aħna ħsibna li fir-Rivista tagħna, bħala Rivista letterarja, nibdew ma' l-ewwel għadd ta' Il-Malti tas-sena 1932, indaħħlu il-Paġna tal-Kritka. Mingħajr ma nidorbu jew inweġġgħu lil ħadd, aħna niflu, sa kemm nilħqu, xi kotba li joħorġu ġodda, ngħidu aħna, rumanzi, novelli, stejjer, bozzetti, poeżija, għana popolari, artikoli, u, kif ikun jidhrilna, ngħidu fejn sar ħażin, fejn sar mhux ħażin, fejn sar tajjeb, u fejn sar aħjar.

Naħsbu li din il-kritka tkun ta' fejda, u tasal biex issaffi xi ftit il-letteratura maltija, li għalkemm fiha ħafna qamħ, fiha wkoll bosta karfa u żrar li jekk jintaħnu flimkien ma jistgħux jatu ħobż tajjeb.

# AĦBARIJIET TA' KOTBA

**KTIEB ĠOŻWE,** maqlub mill-lhudi minn Dun P. P. SAYDON. *The Empire Press, 1931.*

Dan hu s-sitt wieħed fost il-kotba mqaddsa mfissrin bil-Malti minn Dun P. P. Saydon. Mal-ħames wieħed ingħalaq u ntemm il-ktieb ta' Mosê, iżda l-ġrajja ta' KTIEB ĠOŻWÊ huma t-tmiem tal-ġrajja tal-kotba ta' Mosê, għax jekk fl-aħħar ktieb ta' Mosê l-lhud waslu qrib art Kangħan bla ma daħlu fiha, fi ktieb Ġożwê l-lhud jidħlu f'art Kangħan, jirbħuha u jaqsmuha bejniethom. Għalhekk ktieb Ġożwê magħżul mill-kotba ta' Mosê, iżda l-ġrajja tagħhom marbutin flimkien.

Dal-ktieb sabiħ bħal ta' qablu kollha. Fih ġrajja mżewwqa; l-aktar,taqbid u rebħ u fuq kollox tagħlim tal-aqwa fejda: Alla jwiegħed u qatt ma jonqos milli jwiegħed; Alla jeqred imqar ġnus u saltniet sħaħ jekk ma joqogħdux għal li jrid Hu.

Aħna fil-waqt li nifirħu lill Dun P. P. Saydon li laħaq Professur fl-Università nittamaw li jsib iż-żmien ukoll biex jibqa' joħroġ dawn il-kotba. Nixtequh u nitolbuh bil-ħerqa li jlaħħaq dawn il-kotba sal-aħħar.

Infaħħru l-*Empire Press* tal-mappa sabiħa bil-kulur li hemm fil-bidu ta' dan il-ktieb.

S.

## IL-WERREJ TAS-SEBA' SENA


| | | faċċata |
|---|---|---|
| Għadna mexjin . . . . . . . | | 3 |
| Warda li tgħid ġrajjietha . . . | Dun Karm | 5 |
| San Pawl *kuntent* . . . . . | T.Z. | 9 |
| Dwar il-Pirċissjoni ta' S. Girgor . . | Kan G.M. Farrugia | 11 |
| Frak. . . . . . . . . | Dun Karm | 14-45 |
| *Folklore* Malti . . . . . . | A.C.,M.A. | 15-67 |
| Is-snin fiż-żmenijiet il-qodma . . . | Sajdun | 18 |
| Il-mewt tal-għsfur ta' Lesbia . . | A.C. | 22 |
| Mastru Ġakbu . . . . . . | T.Z. | 23 |
| Il-Berġa tal-Italja fi żmien l-Ingliż . | G. Gatt | 26 |
| In-nemla u l-werżieq . . . . . | T.Z. | 32 |
| Biblijografija . . . . . . | | 33-71-97-126 |
| Il-Kalendarju l-ġdid internazzjonali . | G. Grixti | 36 |
| Poeta titwieled, ma ssirx . . . . | | 41 |
| P. Grabiel Fabricy O.P. u Mikiel Anton Vassalli . . . . . | P.S. M. Zarb | 43 |
| Żewġ irħamiet tal-Kaldin f'Palermu . | A.M. Galea | 46 |
| Id-daqqaqa ta' dari . . . . . | T.Z. | 48 |
| Għanja ta' mħabba . . . . . | K. Bethsajda | 51 |
| Nisel u tifsir il-Kliem . . . . . | Sajdun. | 53 |
| Għidud Malti . . . . . . | Dun Karm | 55 |
| Ir-regħba—Il-Għorab . . . . | T.Z. | 56 |
| Dwar Ktieb tal-għana tal-Knisja . . | Kan. G.M. Farrugia | 57 |
| Il-Baqra, l-Għaniqa, in-Ngħaġa u l-Ljun | Dun Karm | 59 |
| Ta' Frankuni . . . . . . . | G.D.D. | 60 |
| Id-dwell f'Malta fi żmien l-Ingliżi . | G. Gatt | 62 |
| Il-bniedem jiżra', Alla jsaqqi u jkabbar | C.M.B. | 66 |
| Ir-rebħa ta' Pupull . . . . | T.Z. | 69 |
| Għall Letteratura Maltija . . . | | 73 |
| Tagħrif fuq il-Malti . . . . . | P. S. M. Zarb O.P. | 75 |
| Gżejjer żgħar fl-Imperu Ngliż . . | T.Z. | 78 |
| O Radjo . . . . . . . | Dun Karm | 80 |